

## **P6\_TA-PROV(2009)0309**

### **Id-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan**

#### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2009 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan, u b' mod partikolari dik tal-15 ta' Jannar 2009 dwar il-kontroll baġitarju tal-fondi tal-UE fl-Afganistan<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Afganistan u tal-Wolesi Jirga (l-ewwel kamra tal-parlament afgan) tat-12 ta' Frar 2009,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni finali tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Afganistan li saret f' The Hague fil-31 ta' marzu 2009,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit tan-NATO dwar l-Afganistan magħmula mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku ta' Fuq, fi Strasburg/Kehl fl-4 ta' April 2009,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Uniti dwar il-leġiżlazzjoni fl-Afganistan tas-6 ta' April 2009,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi l-Afganistan jagħmel parti minn diversi strumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b' mod partikolari l-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni fir-rigward tan-nisa u l-Konvenzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal,
- B. Billi l-Kostituzzjoni Afgana tal-4 ta' Jannar 2004 fl-Artikolu 22 tagħha tistipula li ċ-ċittadini tal-Afganistan, irġiel u nisa, għandhom drittijiet u dmirijiet ugwali quddiem il-liġi, u billi din tikkonforma mat-trattati internazzjonali ratifikati mill-Afganistan,
- C. Billi l-Kodiċi Afgan tal-familja mill-aħħar tas-snin 1970 fih ċerti dispożizzjonijiet li jirrikonoxxu lin-nisa drittijiet fil-qasam tas-saħħa u tal-edukazzjoni, u billi dan bħalissa qed jiġi revedut sabiex isir kompatibbli mal-Kostituzzjoni tal-2004,
- D. Billi jfakkar li kumitat indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem twaqqaf f'Ġunju 2002 wara l-ftehim ta' Bonn tal-5 ta' Diċembru 2001, presedut minn Sra Sima Samar, u billi dan għandu rwol fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem,
- E. Billi jikkunsidra l-abbozz ta' liġi l-ġdid dwar l-istatus personali tan-nisa Xiti approvat riċentement miż-żewġ kmamar tal-Parlament Afgan, li jpoġġi restrizzjonijiet severi fuq il-libertà tal-moviment tan-nisa, filwaqt li jiċħdilhom id-dritt li joħorġu minn djarhom ħliet

---

<sup>1</sup> Testi Adottati, P6\_TA(2009)0023.

għal 'skop leġittimu', jirrikjedi min-nisa li jissottomettu ruħhom għax-xewqat sesswali tal-irġiel tagħhom u b'hekk jilleġittimizza "l-istupru fiż-żwieġ", kif ukoll jippromwovi d-diskriminazzjoni tan-nisa fl-oqsma taż-żwieġ, id-divorzju, il-wirt u l-aċċess għall-edukazzjoni li mhumiex konformi mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment tad-drittijiet tan-nisa,

- F. Billi dan l-abbozz ta' liġi li jaffettwa bejn 15 u 20% tal-popolazzjoni għadu mhux applikabbli peress li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Gvern, anke jekk diġà ġie ffirmat mill-President tal-Afganistan, is-Sur Hamid Karzai,
- G. Billi dan l-abbozz ta' liġi, wara l-kritiki li qajjem kemm fl-Afganistan kif ukoll barra l-pajjiż, ġie riferut lill-Ministeru tal-Ġustizzja Afgani biex jikkontrolla l-konformità tat-test leġislativ mal-impenji meħuda mill-Gvern Afgani fir-rigward tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali u l-Konstituzzjoni,
- H. Billi l-vjolenza kontra l-attivisti, b'mod partikolari dawk li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa, qed tkompli sal-lum, u b'mod partikolari ħafna sfaw vittma tal-militanti u tar-radikali, fosthom is-Sra Sitara Achakzai, difensura Afgana tad-drittijiet tan-nisa u membru tal-Kunsill Provinċjali minn Kandahar, li sfat maqtula barra darha, is-Sra Gul Pecha u s-Sur Abdul Aziz li nqatlu wara li ġew akkużati minn atti immorali u ġew ikkundannati għall-mewt minn kunsill ta' reliġjużi konservattivi, u Malai Kakar, l-ewwel pulizija mara f'Kandahar li kienet tidderieġi d-dipartiment tal-pulizija dwar il-kriminalità kontra n-nisa f'din il-belt,
- I. Billi l-ġurnalista Afgani ta' 23 sena, is-Sur Perwiz Kambakhsh, ġie kkundannat għall-mewt talli ċċirkola artikolu dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Islam u wara protesti internazzjonali qawwija din il-kundanna ġiet riversata f'sentenza ta' 20 sena ħabs,
- J. Billi qed ikomplu jiġu rrapurtati theddid u intimidazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja pubblika jew li jaħdmu barra d-dar tagħhom u dan ġie kkonfermat mir-rapporti tan-Nazzjonijiet Uniti; billi jqis ir-rapporti riċenti dwar id-diffikultajiet biex tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfaliet fis-sistema edukattiva, ħaġa li hija opposta mill-militanti u r-radikali,
- K. Billi jqis li nġemgħu diversi każi f'dawn l-aħħar snin ta' nisa zghażaġh li jaħarqu lilhom innifishom volontarjament biex jaħarbu żwigiġiet sfurzati jew il-vjolenza domestika;
  - 1. Jitlob li jiġi rivedut l-abbozz ta' liġi msemmi hawn fuq dwar l-istatus persunali tan-nisa Xi'iti fl-Afganistan għaliex li l-kontenut tiegħu mhux konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa kif stipulat fil-Konstituzzjoni u fil-konvenzjonijiet internazzjonali;
  - 2. Jenfasizza l-periklu inerenti fl-adozzjoni tal-leġislazzjoni li l-applikazzjoni tagħha hija limitata għal ċerti kategoriji tal-popolazzjoni u li - fid-definizzjoni tagħha stess - tippromwovi d-diskriminazzjoni u l-inġustizzja;
  - 3. Jirrakkomanda lill-Ministru tal-Ġustizzja Afgani sabiex jabraja l-liġijiet kollha li jintroduċu diskriminazzjoni kontra n-nisa u li jmorru kontra t-trattati internazzjonali li fihom hu parteċipi l-Afganistan;
  - 4. Jikkunsidra li hu essenzjali għall-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż li l-Afganistan jimpenja ruħu favur id-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali u b'mod partikolari favur id-drittijiet tan-nisa, li għandhom irwol kruċjali fl-iżvilupp tal-pajjiż u li jridu jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-siħ mid-drittijiet fundamentali u demokratiċi tagħhom; jerġa' jisħaq l-

- appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluża dik reliġjuża u li tolqot is-sessi differenti;
5. Ifakkar li d-dokument ta' strateġija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Afganistan għall-perjodu 2007-2013 jikkunsidra l-ugwaljanza bejn l-irġiel u nisa u d-drittijiet tan-nisa bħala sfida tal-akbar importanza għall-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tal-Afganistan;
  6. Ifaħħar il-kuraġġ tan-nisa Afgani li għamli manifestazzjoni f'Kaboul kontra l-abbożż ta' liġi ġdida u jesprimi l-appoġġ tiegħu lilhom; jikkundanna l-vjolenza li huma sfaw vittma tagħha waqt il-manifestazzjonijiet u jitlob lill-awtoritajiet tal-Afganistan sabiex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;
  7. Jikkundanna l-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-emanċipazzjoni tan-nisa Afgani, b'mod partikolari l-qtil reċenti tas-SraSitara Achikzai, membru parlamentari reġjunali;
  8. Huwa xxukkjat bl-aħbar li l-Qorti Suprema Afgana kkonfermat is-sentenza ta' 20 sena ħabs mogħtija lis-Sur Perwiz Kambakhsh fuq akkuża ta' dagħa u jitlob lill-President Karzai sabiex jaħfer lis-Sur Kambakhsh u jawtorizza l-ħelsien tiegħu;
  9. Jappella lill-awtoritajiet Afgani, inklużi dawk reġjunali u lokali, sabiex jieħdu l-passi kollha possibbli sabiex jiproteġu n-nisa kontra l-vjolenza sesswali u kontra forum oħra ta' vjolenza bbażata fuq differenza ta' sess, kif ukoll biex iġibu quddiem il-ġustizzja dawk ħatja ta' atti bħal dawn;
  10. Jikkunsidra li l-progress fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa li sar matul dawn l-aħħar snin wara sforzi kbar m'għandu bl-ebda mod jisfa vittma ta' neġozjar bejn il-partiti qabel l-elezzjonijiet;
  11. Iħeġġeġ il-kandidatura ta' nisa għall-elezzjoni presidenzjali tal-20 ta' Awissu li ġej u jinsisti fuq il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa Afgani fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, bi dritt li għandhom fost drittijiet oħra, fosthom id-dritt tan-nisa li jiġu eletti u nnominati għal pożizzjonijiet statali għoljin;
  12. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri sabiex ikomplu jqajmu l-kwistjoni dwar il-liġi dwar l-istatus persunali tan-nisa Xi'iti u dwar' kwalunkwe diskriminazzjoni kontra n-nisa u t-tfal fejn dawn huma inaċċettabbli u inkompatibbli mal-impenn mogħti fuq perjodu twil mill-komunità internazzjonali għal għajjnuna għall-Afganistan fl-isforzi tiegħu ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni;
  13. Jappella lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħti għajjnuna diretta rigward finanzjament u ppjanar lill-Ministeru Afgan għall-Affarijiet tan-Nisa, kif ukoll sabiex tippromwovi l-integrazzjoni sistematika ta' tqarrib tas-sessi fil-politiki kollha tagħha għall-iżvilupp fl-Afganistan.
  14. Jistieden lill-Fond għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti għan-Nisa (UNIFEM) sabiex jagħtu attenzjoni partikolari tagħhom;
  15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvern u lill-parlament tar-Repubblika Islamika tal-Afganistan u lill-Kummissjoni Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem.